**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviz Nru. 84/09VG**

**Spray Pack Limited**

**Vs**

**J.R. Enterprises Limited**

**Illum 27 ta' Gunju 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjetà Spray Pack Limited fl-10 ta' Marzu 2009 permezz ta' liema titlob li prevja dikjarazzjoni li s-socjetà J.R. Enterprises Limited hija debitrici taghha fl-ammont ta' sebat elef erba' mija u sbatax-il Euro u erbgha u sittin centezmu (€7,417.64) rapprezentanti ammonti dovuti lilha ghal xoghlijiet u servizzi ohra minnha rezi fuq inkarigu tas-socjetà J.R. Enterprises Limited, l-imsemmija socjetà J.R. Enterprises Limited tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' €7,417.64, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju intavolat kontestwalment ma' l-avviz, kontra s-socjetà J.R. Enterprises Limited;

Rat ir-Risposta ta' J.R. Enterprises Limited ipprezentata fit-3 ta' April 2009 permezz ta' liema teccepixxi li: (i) hija ma tafx x'inhuma x-xoghlijiet u servizzi lilha allegatament prestati u ghalhekk tirriserva li tressaq risposta ulterjuri meta tinghata iktar informazzjoni dwar dan; (ii) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici; u (iii) fi kwalunkwe kaz, hija ma ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' dan il-gudizzju stante li qatt ma giet interpellata ghall-hlas;

Rat ir-Risposta Ulterjuri tas-socjetà J.R. Enterprises Limited ipprezentata fit-22 ta' Jannar 2010, permezz ta' liema teccepixxi li: (i) parti mill-ammont mitlub mis-socjetà attrici, ossia l-ammont ta' €1,308 li jirrizulta mid-

dokument Dok. "WB1", qatt ma jista' jkun dovut peress li jirrapprezenta xoghol li qatt ma gie effettivament konsenjat lilha; u (ii) minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra kollha, fl-eventwalità li jirrizulta li xi parti mill-ammont reklamat mis-socjetà attrici huwa dovut minnha, dan ghandu jigi pacut ma' ammont dovut lilha mill-istess socjetà attrici;

Semghet ix-xhieda ta' Walter Bonnici, Managing Director tas-socjetà attrici, moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2009[1] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "WB1" sa' Dok. "WB3" a fol. 11 sa' 13 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Etienne Rapinett, Direttur tas-socjetà konvenuta, moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2010[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "ER2" a fol. 45 sa' 54 tal-process u semghet ix-xhieda ta' Henry Galea moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011[3];

Rat is-sentenza fl-ismijiet "Etienne Rapinett noe v. Spray Pack Limited" Appell Civili Nru. 47/09 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2010, esebita mis-socjetà konvenuta b'Nota pprezentata fil-21 ta' Ottubru 2010 a fol. 25 sa' 44 tal-process;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici a fol. 68 sa' 74 tal-process u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà konvenuta a fol. 75 sa' 77 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

## Ikkunsidrat:

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi dikjarata debitrici taghha fl-ammont ta' €7,417.64 rapprezentanti ammonti lilha dovuti ghal xoghlijiet u servizzi ohra minnha rezi fuq inkarigu tas-socjetà konvenuta u konsegwentement l-istess socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha tali somma ta' €7,417.64. Is-socjetà konvenuta inizjalment laqghet ghat-talbiet attrici bl-eccezzjonijiet illi: (i) hija ma tafx x'inhuma x-xoghlijiet u servizzi lilha allegatament prestati u ghalhekk tirriserva li tressaq risposta ulterjuri meta tinghata iktar informazzjoni dwar dan; (ii) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici; u (iii) fi kwalunkwe kaz, hija ma ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' dan il-gudizzju stante li qatt ma giet interpellata ghall-hlas. Permezz ta' Risposta Ulterjuri s-socjetà konvenuta tecepixxi li: (i) parti mill-ammont mitlub mis-socjetà attrici, ossia l-ammont ta' €1,308 li jirrizulta mid-dokument Dok. "WB1", qatt ma jista' jkun dovut peress li jirrapprezenta xoghol li qatt ma gie effettivament konsenjat lilha; u (ii) minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra kollha, fl-eventwalità li jirrizulta li xi parti mill-

[1] Fol. 14 sa' 18 tal-process.
[2] Fol. 55 sa' 57 tal-process.
[3] Fol. 66 u 67 tal-process.

ammont reklamat mis-socjetà attrici huwa dovut minnha, dan ghandu jigi pacut ma' ammont dovut lilha mill-istess socjetà attrici.

Mill-atti processwali u mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti:

- Is-socjetà attrici tipproduci prodotti ta' *toiletries, detergents* u *insecticides* taht diversi licenzji ta' kumpanniji barranin[4];
- Fost dawn il-kumpanniji barranin, is-socjetà attrici kellha arrangement, li kienu ilu ghaddej ghal hafna snin, mad-ditta Olandiza Keune li tahdem fis-settur tal-prodotti tax-xaghar u s-socjetà attrici kienet tipproduci l-prodotti taht il-licenzja tal-Keune[5];
- L-agent hawn Malta tal-Keune hija, jew ta' l-inqas fiz-zmien mertu ta' dawn il-proceduri, kienet is-socjetà konvenuta[6];
- Il-Keune kienet tibghat ir-*raw materials* u *components* tal-prodotti taghha lis-socjetà konvenuta li a sua volta kienet tghaddihom lis-socjetà attrici biex tahdem il-prodott[7];
- Hekk kif il-prodott jew ahjar konsenja partikolari tigi prodotta, is-socjetà attrici kienet tohrog l-invoice relattiva u tgharraf lis-socjetà konvenuta li il-prodott ikun lest biex jingabar[8];
- Gara li konsenja partikolari ta' prodott lest baqghet mahzuna ghand is-socjetà attrici u fiz-zmien meta kienet hekk mahzuna ghandha sehhet serqa fejn appuntu din il-konsenja partikolari nsterqet[9];
- Ma ttiehdu passi fil-konfront ta' hadd fir-rigward ta' din is-serqa[10];
- Madwar gimgha wara li sehhet tali serqa l-ftehim li s-socjetà attrici kellha mal-Keune gie terminat[11];
- Is-socjetà konvenuta istitwiet proceduri giudizzjarji fil-konfront tas-socjetà attrici fl-ismijiet "Etienne Rapinett noe v. Spray Pack Limited" Rik. Nru. 47/09 permezz ta' liema talbet li Spray Pack Limited tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' €11,320 rapprezentanti l-prezz ta' 5,400 bott hair spray gel konsenjat lilha, liema bottijiet kienu dawk li effettivament insterqu[12];
- B'sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' April 2010, it-talba tas-socjetà J.R. Enterpises Limited fil-konfront tas-socjetà Spray Pack Limited giet milqugha u l-imsemmija Spray Pack Limited giet ikkundannata thallasha s-somma ta' €11,320. Is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) gie riformata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede

[4] Xhieda moghtija minn Walter Bonnici waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2009, fol. 14 sa' 18 tal-process.
[5] Xhieda moghtija minn Walter Bonnici waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2009, fol. 14 sa' 18 tal-process.
[6] Xhieda moghtija minn Walter Bonnici waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2009, fol. 14 sa' 18 tal-process.
[7] Xhieda moghtija minn Walter Bonnici waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2009, fol. 14 sa' 18 tal-process.
[8] Xhieda moghtija minn Walter Bonnici waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2009, fol. 14 sa' 18 tal-process.
[9] Xhieda moghtija minn Walter Bonnici waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2009, fol. 14 sa' 18 tal-process u xhieda moghtija minn Etienne Rapinett waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2010, fol. 55 sa' 57 tal-process.
[10] Sentenza fl-ismijiet "Etienne Rapinett noe v. Spray Pack Limited, Appell Civili Nru. 47/09 deciza fis-6 ta' Ottubru 2010, fol. 26 sa' 44 tal-process.
[11] Xhieda moghtija minn Walter Bonnici waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2009, fol. 14 sa' 18 tal-process u xhieda moghtija minn Etienne Rapinett waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2010, fol. 55 sa' 57 tal-process.
[12] Dok. "ER1" esebit mis-socjetà konvenuta permezz ta' Nota pprezentata fil-21 ta' Ottubru 2010, fol. 25 sa' 44 tal-process.

Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2010 fis-sens illi filwaqt li gie kkonfermat li s-socjetà Spray Pack Limited ghandha thallas lis-socjetà J.R. Enterprises Limited ghall-imsemmija 5,400 bott hair spray gel, giet ikkundannata thallasha s-somma mnaqqsa ta' €11,068.44[13];

- Da parte taghha s-socjetà attrici bdiet tippretendi hlas minghand is-socjetà konvenuta tas-somma ta' €1,308.08 rapprezentanti l-valur tax-xoghol minnha esegwit vis-à-vis il-bottijiet li nsterqu, is-somma ta' €2,333.26 rapprezentanti l-import ta' diversi fatturi li ghadhom ma thallsux mis-socjetà konvenuta u s-somma ta' €3,776 rapprezentanti *charge for storage* bir-rata ta' €200 fix-xahar ghal *Keune gel components* li baqghu mahzuna ghandha ghal sena u sitt xhur wara li gie itterminat il-ftehim li kien hemm bejn iz-zewg socjetajiet, ghall-valur komplessiv ta' €7,417.34[14];
- Is-socjetà konvenuta kkontestat it-talba tas-socjetà attrici u ma hallsitx l-ammont komplessiv minnha pretiz u konsegwentement is-socjetà attrici istitwiet dawn il-proceduri fil-konfront taghha.

Il-Qorti hi tal-fehma li kull wahda mit-tlett pretensjonijiet tas-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta ghandha tigi kkunsidrata individwalment fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta, b'mod partikolari l-eccezzjonijiet minnha sollevati fir-Risposta Ulterjuri taghha.

**Is-somma ta' €1,380 rapprezentanti l-valur tax-xoghol esegwit mis-socjetà attrici vis-à-vis il-konsenja ta' prodott tal-Keune li giet misruqa mill-mahzen taghha** – mill-provi prodotti u mill-mod kif ir-relazzjoni guridika u lavorattiva bejn is-socjetà attrici u s-socjetà konvenuta giet deskritta minn Walter Bonnici u minn Etienne Rapinett, il-Qorti hi tal-fehma li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet affini ghall-kuntratt ta' kiri ta' xoghol u ta' industrija, ossia *locatio operis*. Li din kienet ir-relazzjoni guridika bejn iz-zewg socjetajiet johrog b'mod car ukoll mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet "Etienne Rapinett noe v. Spray Pack Limited", Appell Civili Nru. 47/09, deciza fis-6 ta' Ottubru 2010, fejn dik il-Qorti appuntu osservat illi *mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod terga' tirreplika il-fatti anke ghaliex dawn huma sew dettaljati fl-esposizzjoni tas-sentenza appellata. Tista' però tikkonferma illi bejn il-kontendenti kien hemm rapport kontrattwali ta' durata ta' snin li, fil-fattezzi tieghu, jixxiebah lil dak ta' l-appalt jew, ahjar tal-locatio operis.*

Is-socjetà attrici tikkontendi li hekk kif tlesti l-assemblagg tal-prodott lilha kumissjonat mis-socjetà konvenuta, tohrog il-fattura relattiva immedjatament u tinforma lill-istess socjetà konvenuta li l-prodott huwa lest biex jingabar. Ghas-socjetà attrici minn dak il-mument 'il quddiem ir-responsabbiltà ghall-

[13] Dok. "ER1" esebit mis-socjetà konvenuta permezz ta' Nota pprezentata fil-21 ta' Ottubru 2010, fol. 25 sa' 44 tal-process.
[14] Xhieda moghtija minn Walter Bonnici waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2009, fol. 14 sa' 18 tal-process u Dok. "WB1" sa' Dok. "WB3" a fol. 11 sa' 13 tal-process.

prodott tghaddi f'idejn is-socjetà konvenuta. F'dan is-sens hija x-xhieda ta' Walter Bonnici li waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2009[15] xehed illi *meta ahna nlestu mill-produzzjoni ta' prodott li jkun ordnat tinhareg l-invoice immedjatament. Hemm persuna nkarigata minn naha taghna li tinforma lis-socjetà konvenuta li l-prodott ikun lest u li dan jista' jingabar. Il-minuta li titlesta l-produzzjoni u tinhareg l-invoice ghalina r-responsabiltà ta' dak il-prodott ghaddi minn fuqna ghal fuq is-socjetà konvenuta.* Huwa zied jghid illi *normalment is-socjetà konvenuta kienet tigi tibor dawn il-prodotti lesti minghajr dewmien, però kien hemm okkazzjoni minnhom fejn ghal xi raguni kien hemm delay ta' kwazi xahar biex dan il-prodott jingabar. Ghandi nghid li f'dan iz-zmien kellna serqa fl-istores taghna u nsteraq il-finished product tal-Keune li kienu gels. Irrid nghid li mill-prodotti kollha li kellna storjati fil-warehouse kien biss dan il-prodott li nsteraq, illi adirittura kien qed jinzamm f'kamra apparti ghalih under lock and key. Wara ftit taz-zmien illi saret din is-serqa, precizament fi zmien gimgha minn din is-serqa min-naha tal-Keune gie tterminat il-kuntratt li ahna kellna maghhom. Nghid illi fiz-zmien kollu li ahna hdimna maghhom qatt ma kellna problemi u kienet din is-serqa li donnu kienet bhala skuza biex jinqata' dan il-kuntratt. Gara illi min-naha tas-socjetà konvenuta bdiet tippretendi hlas minghandna ghall-valur tal-prodotti li gew misruqa u kienet qed tinghata bin bhala raguni biex ma jithallasx l-ammont li ahna qed nippretendu llum.*

Huwa evidenti li s-socjetà attrici essenzjalment tikkontendi li minkejja l-fatt li il-prodott minnha assemblat ghas-socjetà konvenuta insteraq mill-mahzen taghha, hija fi kwalunkwe kaz ghandha dritt tithallas ghax-xoghol taghha. Fil-fehma tal-Qorti però tali pretensjoni hija guridikament zbaljata u bhala tali ma ghandhiex tigi milqugha.

A tenur ta' l-Artikoli 1634, 1635 u 1636 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *jekk meta l-artigjan jaghti l-materjal, il-haga tispicca, b'kull mod li jkun, qabel ma tigi kkunsinnata, it-telfa jbatiha huwa, izda dan kemm-il darba dak li qabbdu ma jkunx in mora biex jirceviha* (Art. 1634); *jekk, meta l-artigjan jaghti x-xoghol jew is-sengha tieghu biss, il-haga tispicca, hu jwiegeb biss ghall-htija tieghu* (Art. 1635); *fil-kaz imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan, jekk il-haga tispicca, ghalkemm minghajr htija ta' l-artigjan, qabel ma x-xoghol jigi ikkunsinnat, u minghajr ma dak li qabbdu jkun in mora fil-verifika tax-xoghol, l-artigijan ma ghandux izjed jedd ghall-hlas tieghu, izda dan kemm-il darba il-haga ma tkunx spicca minhabba difett fil-materjal* (Art. 1636).

Fil-fehma tal-Qorti huwa l-ahhar artikolu mill-artikoli tal-Ligi appena citati, ossia l-Artikolu 1636 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li japplika ghall-kaz in ezami.

[15] Fol. 14 sa' 18 tal-process.

Ma huwiex kontestat li s-socjetà attrici kienet tippresta biss is-servizzi taghha lis-socjetà konvenuta stante li skond ma xehed l-istess Walter Bonnici ir-*raw materials* u l-*components* li eventwalment ikunu jikkostitwixxu l-prodott finali kienu provduti direttament mill-Keune. Lanqas ma huwa kontestat li l-prodott lest in kwistjoni nsteraq mill-mahzen tas-socjetà attrici u b'hekk qabel ma' l-istess gie kkonsenjat lis-socjetà konvenuta. Is-socjetà attrici però tipprova targumenta li s-socjetà konvenuta f'dan il-kaz naqset milli tirtira l-prodott lest minghandha minkejja li, skontha, kienet *in mora* biex tirtira l-istess prodott lest. In effetti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet[16] taghha s-socjetà attrici tirribadixxi dak li kien già iddikjara Walter Bonnici: *wara li tlestew il-prodotti u s-socjetà konvenuta giet mgharrfa b'dan, kuntrarjament ghal dak li sehh matul is-snin precedenti, gara li damu ma gabruhom u dawn il-prodotti li taghhom is-socjetà konvenuta kienet unikament responsabbli, sfaw misruqa.*

Nonostante dak li tipprova ssostni s-socjetà attrici, il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz partikolari ma jistax jinghad illi s-socjetà konvenuta kienet effettivament imqieghda *in mora* qabel ma' il-prodotti in kwistjoni insterqu. Ghalkemm Walter Bonnici fix-xhieda tieghu waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2009 jispjega l-mod kif is-socjetà attrici kienet solitu tagixxi meta il-prodott lilha kkummissjonat mis-socjetà konvenuta jkun lest, ma jghidx x'gara ezattament fil-kaz tal-prodott in kwistjoni u minn imkien mill-provi prodotti ma jirrizulta li s-socjetà konvenuta kienet effettivament infurmata li l-prodott kien lest biex jingabar u wisq inqas ma jirrizulta li din tqieghdet *in mora* kif mehtieg fil-Ligi.

Fir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 1130 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi: *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun li wiehed ghandu jaghti jew jaghmel, u fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien, id-debitur jigi mqieghed in mora bl-eghluq biss ta' dak iz-zmien, bla hsara, ghal dawk li huma imghaxijiet imsemmijin fl-artikolu 1141, tad-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu. (2) Jekk fil-ftehim ma jkun gie stabbilit ebda zmien, jew jekk iz-zmien ikun jaghlaq wara l-mewt tad-debitur, id-debitur jew il-werriet tieghu ma jigix imqieghed in mora hlief wara li jigi msejjah b'att gudizzjarju.* Fil-kaz in ezami jirrizulta evidenti li kien l-obbligu tas-socjetà konvenuta li tigbor il-prodott lest minghand is-socjetà attrici izda ma kien gie stipulat l-ebda terminu partikolari minn meta tali prodott ikun lest sabiex l-istess prodott jingabar minnha u ghalhekk biex is-socjetà konvenuta effettivament titqies li kienet *in mora* u b'hekk ma jiskattax dak provdut fl-Artikolu 1636 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta – fis-sens li s-socjetà attrici titlef il-jedd taghha ghall-hlas tas-servizz minnha prestat lis-socjetà konvenuta – is-socjetà konvenuta necessarjament kellha tigi interpellata giudizzjarjament biex tigbor il-prodott lest entro terminu partikolari.

[16] Fol. 68 sa' 74 tal-process.

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u a tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 1636 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjetà attrici ma ghandhiex jedd titlob il-hlas tas-somma ta' €1,380.00 rapprezentanti l-valur tas-servizzi minnha rezi lis-socjetà konvenuta ghall-assemblagg tal-prodotti li nsterqu mill-mahzen taghha qabel ma' l-istess gew konsenjati lis-socjetà konvenuta u fi zmien meta l-istess socjetà konvenuta ma kenitx *in mora* ghall-gbir ta' tali prodotti mill-pussess tas-socjetà attrici. B'hekk din il-pretensjoni partikolari ma jisthoqx li tigi milqugha.

**Is-somma ta' €3,776.00 rapprezentanti *storage charge* bir-rata ta' €200 fix-xahar ghal *Keune gel components* li baqghu mahzuna ghand is-socjetà attrici ghal sena u sitt xhur wara li gie tterminat il-ftehim li kien hemm bejn is-socjetà attrici u s-socjetà konvenuta** – is-socjetà attrici, tramite x-xhud Walter Bonnici, tiggustifika din il-pretensjoni partikolari taghha fil-konfront tas-socjetà konvenuta bil-mod segwenti: *wara li gie terminat il-kuntratt min-naha tal-Keune s-socjetà konvenuta halliet certu ammont sostanzjali ta' raw materials fil-warehouse taghna. Dawn baqghu storjati ghandna ghal madwar sena u sitt xhur. Jiena irrid nghid illi matul dan il-perijodu ta' sena u sitt xhur ahna gieli tlabna lis-socjetà konvenuta biex tigi tiehu dawn ir-raw materials. Jiena nghid illi s-socjetà konvenuta kienet taf ben tajjeb li dawn ir-raw materials kienu qeghdin storjati ghandna minkejja l-kuntratt mal-Keune kien gie terminat. Jiena rrid nghid illi kif ghaddew dawn is-sena u sitt xhur bhala kumpanija hadna decizjoni biex niccarcjaw lis-socjetà konvenuta ta' dan l-istorage li kienet qed tokkupa ghax ovvjament meta ghalina l-istorage kien jinvolvi costs u ladarba ma bqajniex nahdmu iktar ma' dik is-socjetà ma rajniex li kellna inbaghtu din l-ispiza ahna, ghalhekk jiena fil-25 ta' Frar 2009 hrigt invoice fejn qed nitlob storage charge ghal dawn ir-raw materials, liema storage charge giet kkalkulata fuq rata ta' €200 ghal kull xahar.*

Fil-fehma tal-Qorti din il-pretensjoni tas-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta wkoll ma hijiex gustifikata u b'hekk ma ghandhiex dritt ghall-hlas tas-somma ta' €3,776.00 minnha pretiz.

Jibda biex jinghad li s-socjetà konvenuta fl-ebda mument ma giet ufficjalment – u dan perezz ta' att gudizzjarju opportun – interpellata biex tigbor ir-*raw materials* li baqghu fil-pussess tas-socjetà attrici wara t-terminazzjoni tal-kuntratt relattiv ghall-prodotti tal-Keune w infurmata li fin-nuqqas li taghmel dan entro terminu prefiss tibda tinkorri *storage charge* ta' €200 fix-xahar. Minghajr tali interpellazzjoni u per di più wara ben sena u nofs izzomm ir-*raw materials* tas-socjetà konvenuta fil-pussess taghha, is-socjetà attrici ma tistax tippretendi li f'daqqa wahda timponi *charge* ta' €200 fix-xahar ghall-magazzinagg ta' tali *raw material*, iktar u iktar jekk tul il-kors tas-snin meta kien ghadu vigenti l-ftehim bejniethom hija qatt ma ppretendiet hlas ghall-magazzinagg tar-*raw materials* u prodotti tas-socjetà konvenuta.

Il-Qorti lanqas ma tista' tonqos milli tosserva li incidentalment is-socjetà attrici hadet id-decizjoni li f'daqqa wahda timponi *storage charge* ta' €200 fix-xahar ghas-sena u nofs matul liema baqghu mahzuna ghandha *raw materials* tal-Keune ghad illi l-ftehim kien gie terminat, ftit granet biss wara li is-socjetà konvenuta a sua volta kienet istitwiet proceduri fil-konfront taghha ghall-hlas tas-somma ta' €11,320 rapprezentanti l-valur tal-prodotti lesti li kienu nsterqu mill-mahzen taghha. In effetti mill-atti jirrizulta li l-proceduri fl-ismijiet "Etienne Rapinett noe v. Spray Pack Limited" Rik. Nru. 47/09 gew istitwiti fis-6 ta' Frar 2009[17] u l-fattura ghall-hlas tas-somma ta' €3,776.00 rapprezentanti l-imsemmija *storage charge*, bil-VAT inkluza, inharget mis-socjetà attrici fil-25 ta' Frar 2009[18].

Fid-dawl ta' dan appena osservat ghalhekk il-Qorti tirribadixxi li fil-fehma Taghha l-pretensjoni tas-socjetà attrici ghall-hlas tas-somma ta' €3,776 rapprezentanti *storage charge* bir-rata ta'€200 fix-xahar ghall-magazzinagg ta' *raw materials* appartenenti lis-socjetà konvenuta ghall-perijodu ta' sena u nofs wara t-terminazzjoni tal-ftehim relattiv ghall-prodotti tal-Keune, ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

**Is-somma ta' €2,333.26 rapprezentanti l-import ta' diversi fatturi li ghadhom ma thallsux mis-socjetà konvenuta** – is-socjetà attrici tesigi hlas minghand is-socjetà konvenuta tas-somma ta' €2,333.26, ekwivalenti ghal Lm1,001.66, rapprezentanti l-valur ta' diversi fatturi li sad-data tal-prezentata tal-proceduri odjerni kienu ghadhom ma thallsux mill-imsemmija socjetà konvenuta. In sostenn tat-talba taghha s-socjetà attrici, tramite x-xhud Walter Bonnici, esebiet *statement of account* li juri l-valur ta' kull fattura li taghha tippretendi hlas minghand is-socjetà konvenuta[19].

Is-socjetà konvenuta tilqa' ghal din il-pretensjoni tas-socjetà attrici bl-eccezzjoni li kemm-il darba tali ammont jirrizulta minnha effettivament dovut, dan ghandu jigi pacut ma' l-ammonti dovuti mis-socjetà attrici lilha.

Jibda biex jigi osservat li ghalkemm jidher li s-socjetà konvenuta donnha tpoggi fid-dubju kemm verament l-ammont ta' €2,333.26 huwa minnha dovut lis-socjetà attrici, u dana anke fid-dawl tal-fatt illi fir-Risposta originali taghha eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici, l-istess socjetà konvenuta ma ressqet l-ebda forma ta' prova li tista' turi li tali ammont ma huwiex minnha dovut, anzi tressaq 'l quddiem l-eccezzjoni tat-tpacija li effettivament tikkostitwixxi ammissjoni tad-dejn. In effetti huwa principju ormai assodat illi *l-eccezzjoni ta' tpacija fiha nnifisha tammonta ghall-*

[17] Dok. "ER1" a fol. 26 tal-process.
[18] Dok. "WB3" a fol. 13 tal-process.
[19] Dok. "WB2" a fol. 12 tal-process.

*ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kreditur*[20].

B'hekk is-socjetà konvenuta giet li qed tammetti li hija debitrici tas-socjetà attrici fl-ammont ta' €2,333.26 u dak li jrid issa jigi determinat huwa jekk fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz tistax tigi milqugha l-eccezzjoni taghha ghat-tpacija.

A tenur ta' l-Artikoli 1196(1) u 1197 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *(1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpacija.* [Art. 1196(1)] u *(1) It-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' hwejjeg fungibbli ta' l-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu. (2) Id-dejn hu likwidu meta hu cert ukoll f'dik li hija kwantità* [Art. 1197]. Dak provdut fl-imsemmija artikoli tal-Ligi gie ripetutament interpretat mill-Qrati nostrali fis-sens illi *hu maghruf li t-tpacija biex topera, anke ipso jure, tehtieg li d-debitu allegat mill-kontro-parti jkun wiehed likwidu, cert u dovut … u semplici pretensjoni ma tistax itellef id-dritt tal-parti l-ohra li tesigi l-hlas ta' dak dovut lilha u tikkawtela l-pretensjoni taghha bil-mezzi li titlob il-ligi*[21] u *ma jistax ikun hemm kompensazzjoni meta z-zewg debiti ma jkunux likwidi u esigibbli … b'mod illi ladarba l-kreditu pretiz mill-konvenut mhux likwidu u esigibbli, huwa ma jistax jeccepixxi l-kompensazzjoni. U ghalkemm il-likwidità ta' zewg krediti mhix estrem essenzjali ghall-kompensazzjoni gudizzjali, b'danakollu, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott b'kompensazzjoni mhux facli u ma tistax issir malajr … Din il-kompensazzjoni m'ghandhiex tigi facilment accettata mit-tribunal*[22].

B'zieda ma' dak appena osservat issir referenza wkoll ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Emidio Azzopardi pro et noe, Rikors Nru. 19/99** deciza fis-7 ta' Lulju 2005: *(1) Fis-sistema tal-ligi taghna presuppost specifiku tat-tpacija hi l-ko-ezistenza ta' zewg krediti ta' tnejn minn nies [Artikolu 1196 (1), Kodici Civili]. Di regola, bhala mod ta' estinzjoni ta' l-obbligazzjonijiet hu postulat li l-krediti kontrapposti jidderivaw minn rapporti distinti, u mhux minn rapport uniku. Dan huwa bil-wisq logiku in kwantu jekk jemergu mill-istess rapport si tratta ta' semplici kontabilità fejn min hu msejjah biex jarbitra jew jiggudika jista' jipprocedi anke minghajr l-eccezzjoni specifika tat-tpacija mill-parti jew tal-proposizzjoni ta' talba rikonvenzjonali; (2) It-tpacija legali testingwi ope legis il-kreditu kontrapposti ghall-fatt oggettiv tal-ko-ezistenza taghhom u minghajr ma jkunu jafu d-debituri [Artikolu 1196*

[20] Marianna Spiteri et v. Joseph Vella, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Mejju 1993, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. . LXXVII.iii.128; MacPherson Mediterranean Limited v. J. Lautier Company Limited, Citaz. Nru. 1200/96 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2002.

[21] Reno Tonna v. Hydrodynamics Limited, Citaz. Nru. 912/02 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 2002.

[22] G. Schembri v. G. Chircop, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Jannar 1995, Onor. Carm Lino Spiteri v. Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Jannar 1998, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. LXXII.iii.157 u MacPherson Mediterranean Limited v. J. Lautier Company Limited, Citaz. Nru. 1200/96 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2002.

*(2), Kodici Civili]; (3) Ir-rekwiziti necessarji biex topera t-tpacija legali huma ic-certezza, il-likwidità u l-ezigibilità tal-kreditu (Artikolu 1197, Kodici Civili) intizi, s' intendi, skond kriterji obbjettivi indipendentement mir-rikonoxximent tal-kontroparti. Naturalment l-elementi ta' fatt li fuqhom tigi akkampata t-tpacija jridu jigu provati b' mod komplet u univoku mill-parti li tissolleva l-eccezzjoni. Ghaldaqstant, "ma jistax ikun hemm lok ghall-kompensazzjoni jekk iz-zewg debiti ma jkunux likwidi u ezigibbli" (**Kollez. Vol. XXXI P I p 8**). Ukoll "il-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha ipso jure ghar-rigward ta' kreditu li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra" (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 490**); (4) Hi però ammessa il-kompensazzjoni gudizzjali, bhala distinta mit-tpacija legali, fl-ipotesi fejn il-kreditu oppost hu ta' facli likwidazzjoni (**Kollez. Vol. XXXI P I p 435**). Similment però, bhat-tpacija legali, il-kompensazzjoni gudizzjali hi eskluza jekk jinstab li l-likwidazzjoni ma tistax issir malajr jew fejn il-kreditu jkun ghad irid jigi determinat f' gudizzju separat. Ara **Kollez. Vol. XXXIX P I p 54; Vol. XLVIII P II p 764**.*

Applikati l-precitati principji guridici ghall-fattispecie tal-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li l-eccezzjoni tas-socjetà konvenuta bbazata fuq it-tpacija jew kompensazzjoni hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha.

Illum huwa fatt inkontestat li bis-sahha ta' sentenza pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet "Etienne Rapinett noe v. Spray Pack Limited", Appell Civili Nru. 47/09 deciza fis-6 ta' Ottubru 2010[23], is-socjetà attrici fil-proceduri in ezami hija debitrici tas-socjetà konvenuta f'dawn il-proceduri fis-somma ta' €11,068.44 rapprezentanti l-prezz ta' 5,400 bott hair gel tal-Keune li gew misruqa waqt li kienu fil-pussess tas-socjetà attrici. Kif già osservat bl-eccezzjoni tat-tpacija s-socjetà konvenuta tammetti li hija debitrici tas-socjetà attrici fis-somma ta' €2,333.26. Jirrizulta ghalhekk li s-socjetà attrici u s-socjetà konvenuta huma debituri lejn xulxin ta' zewg idjun li ghandhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus u huma t-tnejn likwidi u entrambe jistghu jintalbu, partikolarment peress illi ma tressqet l-ebda prova, specjalment da parte tas-socjetà attrici, li s-somma ta' €11,068.44 jew ta' l-inqas parti minnha tinsab imhallsa.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk jigi ribadit li t-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta fir-Risposta Ulterjuri taghha hija gustifikata u b'hekk tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta fir-Risposta Ulterjuri taghha u konsegwentement, filwaqt li tiddikjara li s-socjetà konvenuta hija debitrici tas-socjetà attrici fis-somma ta' €2,333.26, tichad it-talba attrici ghall-kundanna hlas stante t-tpacija bejn is-somma ta' €2,333.26 hekk dovuta mis-socjetà

[23] Dok. "ER1" a fol. 26 sa' 44 tal-process.

konvenuta lis-socjetà attrici u s-somma ta' €11,068.44 a sua volta dovuta mis-socjetà attrici lis-socjetà konvenuta bis-sahha tas-sentenza fl-ismijiet "Etienne Rapinett noe v. Spray Pack Limited" Appell Civili Nru. 47/09 deciza fis-6 ta' Ottubru 2010.

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà attrici.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**